**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs.**

**Mario Montebello**

Numru 64/2015

Illum 31 ta' Jannar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Mario Montebello**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, bin Grezzju u Mary neé Bezzina, imwieled gewwa l-Pietà nhar it-30 ta' Ottubru 1985, residenti gewwa Block B, Triq Carmelo Carabott, Zejtun u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 545785(M)

akkuzat talli nhar is-16 ta' Jannar 2015 ghal habta tas-07.45hrs gewwa l-iSptar Mater Dei, Msida u gewwa dawn il-Gzejjer:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-

volonta tieghu, liema serq, kieku sar, kien ikun ikkwalifikat bil-persuna u kif ukoll bil-valur u dan bi ksur ta' Artikolu 41(a), 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. irrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta kif preseduta mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. nhar is-27 ta' Ottubru 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula (Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 8).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 17).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 72 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 79), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 83), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni tieghu, u l-fedina penali tieghu (*a fol.* 6). Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex l-imputat jigi mghejjun biex jaghraf u jimxi fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(c), 261(d), 267 u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mario Montebello hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Mario Montebello taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Mario Montebello bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Mario Montebello.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**